**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 1 ta' Dicembru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Antoine Galea**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Antoine Galea ta' 36 sena iben Carmelo Galea u Emanuela Galea xebba Geranze imwieled il-Pieta' nhar it-22 ta' Dicembru 1977, residenti gewwa 136, Kristu Re, Triq il-Qadi, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' 32278M;

U Omissis;

Talli nhar il-3 ta' Mejju 2014 bejn 16:30hrs u 18:00hrs gewwa St. Philips Hospital li jinsab gewwa Santa Venera:

1) Ikkommetta serq ta' oggetti, li l-ammont taghhom jeccedi l-233 euro imma ma jeccedix l-ammonta ta' 2,330 euro, liema serq huwa aggravat bil-valur;

2) Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv, ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

3) Akkuzat ukoll li kiser kundizzjoni tal-liberta' provizorja mposta mill-Qorti diversament preseduta, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja u li jkun f'dawk il-hinijiet rinkazat kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-isptar St Philips kien ilu numru ta' snin maghluq ma jintuzax, izda xorta kellu diversi bicciet ta' apparat fih. Fit-3 ta' Mejju 2014 kien dahal rapport lill-Pulizija li kien hemm xi persuni dahlu fl-isptar St Philips, ghalhekk il-Pulizija marret fuq il-post Hemmhekk sabel lil certu Glenn Bonnici li kien inqabad fil-fatt, u qalilhom li mieghu kellu lil certu Antoine Galea, l-imputat, izda li dan kien telaq biex igib vettura ohra. Aktar tard, Galea gie arrestat u tressaq il-Qorti akkuzat b'serq aggravat, flimkien ma' Bonnici. Glenn Bonnici rregistra ammissjoni, u Galea wiegeb li mhux hati, ghalhekk il-kawza fil-konfront tieghu kompliet.

Mill-provi prodotti huwa car u univoku li l-imputat flimkien ma' Bonnici dahal fl-isptar abbandunat u seraq diversi oggetti, fosthom zewg 'computer towers' u 'fax machine'. Il-provi kollha jindikaw li Galea kien presenti fuq il-post tas-serqa flimkien mal-komplici tieghu, li nstab fil-pussess ta' oggetti li kien ghadhom kemm gew misruqa mill-lok imsemmi. Fost ix-xhieda gie prodott Glenn Bonnici li fix-xiehda tieghu kkonferma li hu u Galea kienu dahlu jisirqu mill-isptar, u hu kien inqabad fil-fatt. Id-difiza ma tellghet ebda provi, ghalhekk il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputat kien ukoll dahal jisraq minn St Philip's Hospital fid-data indikata. Tenut kont tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 267 u 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**